Minuti tal-33 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 22 ta' April, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 5.08pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley Ann Cecchini |
| | Anthony Camilleri |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-32 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Servizz tal-Berga**

2.1 Gie spjegat li l-Kunsill ircieva proposta' minghand Radu Gheroge dwar servizzi li huwa jixtieq li jibda' joffri minn gewwa l-Berga. Din il-proposta giet diskussa mill-Kunsill. Is-Sindku issugerixxa li ghandha tinhareg espressjoni ta' interess ghall-pubbliku sabiex ikun mistharreg l-interess u wara tittiehed decizjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li is-Sur Gheroge ghandu jigi infurmat b'din is-sejha.

**3.0 Sistemi fotovoltajici**

3.1 Gie spjegat li fil-Budget li sar ghal din is-sena kien hemm ammont ta' madwar €9,000 li gie ivvutat ghall-ispejjez tad-dawl u ilma tal-Latrini Pubblici ta' Triq ta' Pinu u ta' Triq Trux u il-*premises* kollha. Is-Sindku issugerixxa sabiex isir studju fejn wiehed jesplora il-vijabilita' li jinvesti f'sistema fotovoltajici bil-possibilita' li juza' offerta' li kienet inhareg xi zmien qabel bl-isem 'Nourish our Town'.

**4.0 Survey fil-lokalita'**

4.1 Is-Sindku spjega li hemm il-proposta li l-elezzjonijiet tal-Kunsilli ghandhom ikunu proposti ghas-sena 2019. Is-Sindku issugerixxa li sabiex il-Kunsill ikun jista' jkollu stampa aktar cara u evalwazzjoni ta' x'inhuma in-necessitajiet fil-lokalita' u x'qed jistennew ir-residenti mill-Kunsill, l-Kunsill ghandu jikkommissjona *survey*. Ir-residenti ghandhom jigu infurmati minn qabel li persuna ser tkun qeghda iccempillhom, tidentifika ruhha u taghmel id-domandi. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jibghatu l-mistoqsijiet li huma jixtiequ li jigu inkluza fis-survey

lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex dawn ikunu jistghu jigu diskussi fil-laqgha li jmiss. Il-Kunsill qabel dwar dan u ghandu jibda' ihejji u jidentifika min ser jaghmel is-survey.

4.2 Shirley-Anne Cecchini qalet li hemm persuni apposta li xogholhom huwa li jaghmlu dawn it-tip ta' surveys fejn ikollhom ippreparat domandi tajbin x'wiehed jista' jistaqsi.

4.3 Il-Vici Sindku issugerit li tali survey jista' jitpogga ukoll ghad-disposizzjoni tar-residenti fuq il-website. Is-Sindku qal li jista' jitqassam ukoll fid-djar.

4.4 Shirley-Anne Cecchini qalet li importanti li ma jkunx twil. Il-Vici Sindku qalet li l-ahjar li dan isir wara nofsinhar biex wiehed ikun aktar facli li jsirb ir-residenti d-dar.

## 5.0 Festa 2015

5.1 Is-Sindku spjega li fil-laqgha precedenti l-Kunsill kien iddiskuta l-Infiorata u safrattant qeghdin niffinalizzaw il-logos li jridu jigu utilizzati ghat-temi li ser jintuzaw.

5.2 Giet diskussa l-*one way* li ssir fil-granet ta' qabel u waqt il-festa minn ma genb Triq il-Vizitazzjoni ghall-Pjazza. Fis-snin li ghaddew din il-*one way* issir minn gimgha qabel biss. Kien suggertit li din is-sena ssir minn hmistax qabel sabiex jinghata aktar cans lill-Kumitat tal-Festa jarmaw it-toroq tal-festa. Il-Kunsill qabel ma' dan.

5.3 Emanuel Muscat qal li wiehed irid jara minhabba tar-rombli tar-raba' biex dawn ikollhom minn fejn jghaddu. Is-Sindku qal li irridu naraw mat-Transport Malta minhabba din il-problema peress li kif diga giet diskussa fl-laqghat precedenti dawn qed joholqu problemi u hsarat minhabba l-gholi taghhom lill-galleriji. Ser tintbghat ittra f' dan ir-rigward.

5.4 Saret diskussjoni dwar il-kiosks tal-festa fejn il-Kunsill qabel li ghandhom jintramaw bhas-soltu pero' dak li jarma quddiem ir-residenza tal-familja Cauchi fi Triq il-Knisja m'ghandux juza generator minhabba l-istorju.

5.5 Emanuel Muscat staqsa dwar it-tindif tal-festa jekk ingabrux kwotazzjonijiet. Gie spjegat li dawn il-kwotazzjonijiet ser jingabru u jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

5.6 Emanuel Muscat staqsa dwar id-dawl li jintrema fil-festa fil-Wied ta' Jodros. Is-Sindku spjega li ma kienx hemm talba sa issa mill-Kumitat tal-Festa jew ohrajn dwarhom. Is-Sindku halla f'idejn Emanuel Muscat biex jitkellem hu mall-Kumitat tal-Festa u jara jekk ghandhomx bzonn u fil-kaz x'ghandhom bzonn u din tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

## 6.0 Inawgurazzjoni tal-Progett M313

6.1 Gie spjegat li x-xoghol fuq il-Progett M313 ghaddej fejn il-fence u t-trakka kwazi lesti.

6.2 Emanuel Muscat staqsa jekk il-problema tat-tafal hux solvuta fejn is-Sindku spjega li din kienet giet solvuta. Il-pass li jmiss huwa li jsir il-livellar tal-ground, jitpogga it-turf, ir-ramel u wara ssir it-trakka.

6.3 Is-Sindku isugerixxa li ssir l-inawgurazzjoni ghal nofs Mejju. Peress li l-Leisure Park kien gie inawgurat mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi, s-Sindku ppropona li l-ground jigi inawgurat mill-Prim Ministru Joseph Muscat. Dan ovvjament jiddependenti mill-Agenda li jkollu disponibbli l-Prim Ministru. Anthony Camilleri qal li huwa importanti li wiehed jara f'hiex ikun wasal ix-xoghol tal-ground qabel jigi ikkuntatjat l-ufficju tal-Prim Ministru. Is-Sindku spjega li ser nimxu pass pass u naraw fejn ikun wasal qabel. Il-Kunsill qabel ma' dan u qabel ukoll li ghal din l-okkazjoni ghandu jigi mistieden l-Ministru ghal Ghawdex u l-Ministru Responsabbli mill-Isports Chris Agius, il-Gozo Sports Board u l-Gozo Football Association.

## 7.0 Xogholijiet ta' Manutenzjoni Trux PC

7.1 Is-Sindku qal li gie innotat li hemm problema fil-latrina ta' Triq Trux peress li hemm konsum qawwi ta' dawl. Ghal dan il-ghan is-Sindku isugerixxa li jsir upgrading tad-dawl u tas-suffitt u jigu installati sensors. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.2 Emanuel Muscat isugerixxa li minhabba li fil-festi jkun hemm numru ta' nies dehlin u hergin minn gewwa l-latrina jsir bye-pass specjali. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 8.0 Progetti u xogholijiet

8.1 Fir-rigward tal-Progett M313 diga gie spjegat f'hiex wasal aktar kmieni.

8.2 M125 gie spjegat li dan ghandu jinbeda l-gimgha d-diehla peress li l-Perit kien ghadu qed jipprepara xi kejlijiet min-naha tieghu. Gie ukoll innotat li bhalissa kien miftuh l-istagun tal-kacca u f'din iz-zona hemm diversi kaccaturi li jghaddu minn din it-triq. Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel li x-xogholijiet ghandhom jinbdew fil-bidu ta' Mejju.

8.3 Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li hemm bzonn ta' patching bic-cement quddiem ir-residenza numru 176 fi Sqaq il-Fgura. Il-Kunsill qabel li ghandu jmur Raymond Rotin sabiex jirranga t-toqob li hemm.

8.4 Is-Sindku u l-Kunsillier Anthony Camilleri issuggerew li qabel il-festa ghandha titranga l-area ta' wara il-Knisja u possibilment bil-paving biex tkompli maz-zewg partijiet jigifieri ma' Pjazza ta' quddiem ic-Centru u mall-Pjazza l-kbira mill-genb l-iehor. Gie spjegat ukoll li pero' ghad irid isir gandott bejn tal-Familja Cassar u wara l-Knisja sabiex jinqala' d-dawl min-naha ta' wara tal-Knisja. Emanuel Muscat qal li hemm problema minhabba li m'hemmx fejn jehel l-arblu. Ghal dan il-ghan gie suggerit sabiex il-Kunsill jitkellem ma' l-Ing. Mizzi min-naha ta' l-Enemalta u naraw x'jista' jsir.

8.5 Gie spjegat li xoghol iehor li huwa ghaddej fil-prezent huwa xoghol fuq il-hajt fi Sqaq il-Fgura fejn dan tnehha l-hajt u l-haddiem tal-Kunsill Raymond Rotin qieghed

jerga' jibnieh. Dwar il-bankina fl-istess sqaq ser issir ukoll mis-Sur Rotin bil-materjal provdut mill-Kunsill.

**9.0 Skeda ta' Pagamenti**

9.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill

9.2 Il-Kunsill approva ukoll Bill of Quantities tal-Progett M313 li gie ippreparat mill-Perit ghall-ammont ta' €71,164.42.

**10.0 Materji ohra**

10.1 Is-Sindku ssugerixxa li jinxtara generator li jkun jista' jintuza mill-haddiema meta jmorru fuq il-post fejn ma hemmx elettriku u jintuza' anke ghall-Kunsill meta jinqata' d-dawl.

Emanuel Muscat qal li wiehed irid jara l-konsum li hemm mill-Kunsill u ghal x'hiex irid jintuza.

Il-Kunsill qabel li ghandu jigi identifikat x'load hemm sabiex wiehed ikun jista' jara x'tip ta' generator hemm bzonn.

10.2 Shirley-Anne Cecchini staqsiet dwar kemm 'il darba nigu bzonnu. Gie spjegat li dan gie innotat minhabba li gejna bzonn ta' wiehed ghal xoghol fuq ir-railing ta' Wied il-Mielah.

10.3 Kien maqbul li ghandu jintalab prezz ghal xiri u kiri.

**11.0 Korrispondenza**

11.1 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward ta' Memo 27/2014 - l-Iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2014-2015 fejn il-Kunsill kien applika sabiex jigi organizzat il-festival ta' Seher il-Punent. Permezz ta' din il-korrispondenza, l-Kunsill gie infurmat li din is-sena mhux qed jinghata fondi. Is-Sindku spjega li kemm ilu jsir Seher il-Punent dejjem sab l-ghajnuna tal-Gvern Centrali fosthom din l-iskema pero' jidher li ghal din is-sena mhux ser isib din l-ghajnuna.

11.2 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Applikazzjoni gdida ghal permess ta' zvilupp PA980/15.
Approvazzjoni DNO 720/13 – Soft Landscaping and street furniture ta' Triq Frenc ta' l-Gharb, Pjazza Zjara u tal-Madonna.

11.3 Minghand l-Arcipriet fir-rigward ta' invit ghall-quddies ta' eghluq il-50 sena mill-ordinazzjoni ta' Dun Achille Cauchi li ser issir nhar il-Hadd 26 ta' April, 2015 fit-8.30am. Il-Kunsilliera gew mitluba sabiex jaghtu r-risposta ta' min ser jattendi lis-Segretarju tal-Kunsill sa ghada.

11.4 Gie trattat kuntratt ta' ko-finanzjament fir-rigward tal-Progett *Enhancement of Gharb Rural Areas.* L-ammont totali li l-Kunsill ser jircievi huwa ta' €7,830.20. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt ghandu jigi iffirmat.

11.5 Giet trattata kwotazzjoni minghand tac-Cima Woodworks ghall-prezz ta' €450 sabiex issir kcina ghall-ufficju tal-Kunsill. Il-Kunsill approva din l-istima.

11.6 Invit minghand il-Kunsill ta' Ortenzano sabiex issir laqgha bhala parti minn progett ghall-gemellagg bejn Italia, Irlanda, Poland u Malta. Il-laqgha ser issir bejn is-7 u 9 ta' Mejju. Waqt din il-laqgha ser jigi iffirmat il-patt ta' hbiberija. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi iffirmat u li ghandu jattendi s-Sindku flimkien ma min ressaq il-progett.

Emanuel Muscat qal li l-fanali u l-hadid taghhom inkluz il-qsari m'ghadhomx sbieh. Is-Sindku qal li wiehed mill-progetti li ghandu jinbarka fuqu huwa d-design ta' l-embellisment tal-Pjazza Principali. Huwa zied jghid li t-telephone box kwazi lesta u l-MEPA huma sodisfatti. Din fil-fatt daqt tigi installata fil-Pjazza pero' ftit 'l isfel minn fejn kienet.

11.7 Minghand l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni fir-rigward tal-progett tan-*Night Shelter*. Is-Sindku iddikjara li huwa ghandu interess peress li huwa President ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u ghalhekk talab lil Vici Sindku sabiex tippresiedi u hareg mill-kamra. Inqrat l-ittra fejn l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni talbet l-appogg tal-Kunsill fil-process sabiex jigi ikkrejat *Night Shelter*. Il-Kunsill qabel li jaghti l-ghajnuna f'dan ir-rigward pero' jekk tigi involuta ghajnuna finanzjarja l-ewwel iridu jindikaw ezatt x'inhi t-talba taghhom.

Is-Sindku irritorna lura fil-kamra u kompla jippresiedi.

Gie spjegat li f'dan l-istadju qed tkun preparata l-applikazzjoni u l-Kunsill sar ikun qed jintalab jaghti l-kunsens tieghu sabiex jikkollabora u jsir progett flimkien.

## 12.0 Aggornament

12.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 20 ta' Mejju, 2015 fit-3pm pero' qabel ghandha tissejjah laqgha meta nircievu l-Audited Financial Statements.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 6.10pm.

Konfermati minn

David Agius Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv